MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Numru 622/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**V**

**MOHAMMED MEGRATI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MOHAMMED MEGRATI** bin Ahmed u Norih, imwieled Benghasi fis-sitta ta' Ottubru 1979 u residenti f'Bugibba gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu gewwa 6A, Triq in-Nazzareno, Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, dolozament flimkien ma persuni ohra kkommetta serq ta' hames mitt dollaru Amerikan u moble tal-marka Samsumg ghal valur ta' mitejn lira maltin minn gewwa residenza ghad-dannu ta' Emad Harrus, detentur ta' passaport Libjan numru 006391 u Taha Mohammed Farhat detentur ta' passaport Libjan numru

459820, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hmistax ta' Novembru 2004 [fol 52] sabiex in il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif registrat fl-atti fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2004 [fol 58].

Rat in-nota ta' sottomissjonjijiet tal-imputat esibita fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2005 a fol 72 tal-atti u dik tal-Prosekuzzjoni presentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sebgha ta' Marzu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta' Awissu 2004 **xehed Imad Abdullah Harrus** [fol 6] fejn qal li nhar il-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 hu kien San Giljan flimkien ma tnejn minn shabu u damu hemmhekk sa xi l-erbgha w nofs ta' filghodu, meta, wara marru jorqdu flimkien fil-flat tieghu 6A, Triq in-Nazzarenu, Sliema. Qal li waqt li kienu reqdin semgha lil xi hadd jhabbat mal-bieb u jkissru u kif semghu dawn l-hsejjes, hu u shabu qamu u quddiem wiccu sab lil akkuzat li gharaf presenti fl-awla, akkumpanjat minn zewg persuni ohra li kellhom sikkina kull wiehed f'idejhom. Qal li t-tlieta li huma, inkluz l-imputat bdew jghajjtu sabiex hu u shabu johorgu mill-bwiet dak kollu li kellhom u li wiehed minn shabu rnexxilu jahrab filwaqt li hu u siehbu l-iehor hargu kull ma kellhom mill-bwiet taghhom. Ix-xhud kompla jghid li f'wiehed mill-bwiet tieghu kellu mobile phone li l-imputat hadlu u mill-but l-iehor l-imputat hadlu l-flus kollha li kellu u cioe hames mitt dollaru Amerikan u xi hwejjeg li kienu

f'bagalja. Qal li siehbu ma kellu xejn u ma hadlu xejn. Qal pero li l-flus li l-imputat hadlu kienu kemm tieghu kif wkoll ta' siehbu peress li kien jzommhomlu hu. Ix-xhud kompla jghid li wara l-imputat u shabu harbu minn fuq il-post, hu u siehbu marru jghamlu rapport l-Ghassa San Giljan. Qal li lil imputat gieli rah qabel f'San Giljan u fil-fatt l-imputat kien jistaqsih fejn ikun jixrob u fejn joqghod u hu kien qallu fejn ikun jixrob u fejn joqghod u cioe Tas Sliema quddiem il-bahar. Ix-xhud kompla jghid li jiftakar li jum qabel dan l-incident, l-imputat kien mar ghandu fil-flat u wara li telaq hu u shabu dahlu jorqdu. Qal li meta gara dan l-incident fejn l-imputat dahal u seraqhom, fil-kuridur u fil-kamra tal-banju tal-flat kien hemm d-dawl u la l-imputat u lanqas l-ohrajn li gew mieghu ma kellhom wicchom mghammad u ghalhekk hu setgha facilment jara wicc l-imputat ghalkemm ma setghax jiftakar x'kien liebes waqt l-incident.

Illi nhar l-ewwel ta' Awissu 2004 **xehed Taham Mohammed Ferhat** [fol 10] fejn qal li nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu hu u shabu kienu reqdin fl-appartament 6A, Triq in-Nazzareno, Sliema, meta f'hin minnhom semgha hoss fuq il-bieb ta' barra tal-flat u kif il-bieb infetah dahal l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, flimkien ma zewg persuni ohra u li kull wiehed minnhom hareg mus jew sikkina u talbuhom l-flus u l-hwejjeg li kellhom. Ix-xhud kompla jghid li fil-but ta' siehbu kien hemm mobile phone li hadu u hadu wkoll l-flus u zewg bagalji li kellu u telqu 'l barra bihom. Qal li wara li telqu huma marru jghamlu rapport l-Ghassa San Giljan. Ix-xhud qal li gurnata qabel dan l-incident hu kien ra lil imputat x-Xatt ta' San Giljan ghalkemm kien kellmu xi drabi qabel. Ix-xhud ikkonferma li kien l-imputat li serqilhom l-flus u l-bagalji dakinhar tal-wiehed u tletin ta' Lulju 2004, u li dakinhar tal-incident l-imputat kien liebes l-istess hwejjeg li kien liebes waqt li kien qed jaghti x-xhieda tieghu fl-awla dakinhar u cioe jeans b'rigi quddiem kif wkoll T shirt skura bin-numru "O5" fuq quddiem. Ghar-rigward is-sikkina li kellu f'idejh l-imputat, ix-xhud kompla jghid li din kienet flick knife u cioe li tohrog 'l barra. Qal li kollha kemm huma kellhom sikkina f'idejhom.

Illi nhar l-ewwel ta' Awissu 2004 **xehed Salah Iddim Abdallah Abdil Nebi** [fol 14] fejn qal li gurnata qabel l-incident in ezami ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija, vicin il-bahar hu u shabu kienu ltaqghu mal-imputat li gharaf presenti fl-awla, u dan kien mar maghhom sabiex jara fejn kien qieghed il-flat taghhom.  Qal li ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, inhaslu u hu u shabu kif wkoll l-imputat marru San Giljan u qaghdu jduru hemmhekk sa xi l-erbgha w nofs jew l-hamsa ta' filghodu u meta telqu biex imorru jorqdu l-flat, hallew lil imputat San Giljan.  Ix-xhud kompla jghid li waqt li kienu reqdin gie l-imputat u shabu, faqghu l-bieb ta' barra tal-flat taghhom u kif rahom bis-skieken f'idejhom, telaq jigri u harab mill-istess bieb ta' quddiem u mar dritt lejn San Giljan.  Ix-xhud qal li ghar-rigward t-tnejn minn nies l-ohra li kienu mal-imputat, kieku kellu jerga jarhom, kien jgharafhom minn wicchom.  Qal li huma kienu hallew l-flus taghhom ghand wiehed minn shabhom u ghalhekk mill-flus li ttiehdu kien hemm parti minnhom tieghu wkoll.  Ix-xhud qal li peress li dak l-hin tal-incident hu kien imgerfex, ma kienx jaf x'tip ta' sikkina kellu l-imputat u shabu, pero kien cert li ra sikkina f'idejhom.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2004 **xehed PS 909 Paul Buhagiar** [fol 28] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Awissu 2004, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu kienu marru tlett persuni ta' nazzjonalita Gharbija u cioe Amal Haruus, Sama Mohammed Farhat u iehor Salah,  l-Ghassa ta' Tas Sliema jaghmlu rapport li nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2004, ghal habta tal-hamsa ta' filghodu kien dahal certu Mohammed Megrati li huma kienu jafu qabel u ghamlilhom holdup.  Ix-xhud qal li dawn t-tlieta minn nies komplew jispjiegawlu li dawk li aggredewhom kellhom sikkina u li kienu talbuhom xi flus.  Ix-xhud qal li Harrus kien qallu li dak l-hin kellu fuqu s-somma ta' hames mitt dollaru Amerikan li ghadda lil imputat u li dan kien hadilhom mobile tal-marka Samsumg 200 ghal valur ta' mitejn lira maltin kif wkoll zewg bagalji bil-hwejjeg taghhom.  Ix-xhud qal li hu staqsihom fejn setgha isib lil imputat u dawn qalulu li li kull filghodu dan ikun hdejn il-bahar fejn il-Villa Rosa f'San Giljan.  Ix-xhud qal li ghalhekk qabad mal-Ghassa ta' San Giljan sabiex imorru jfittxuh u b'ko-incidenza l-imputat kien diga f'idejn il-

Pulizija jigi nvestigat dwar dan il-kaz. Ix-xhud qal li l-ewwel dawn it-tlett persuni li kienu marru jaghmlu r-rapport ghandu, kienu marru l-Ghassa San Giljan u peress li l-post fejn kien allegatament sehh l-incident kien jaghmel ma Tas Sliema, l-istess tlett persuni kienu marru l-Ghassa ta' Tas Sliema jaghmlu l-istess rapport. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 30].

Illi nhar l-hamsa ta' Ottubru 2004 **xehed Edwin Portelli** [fol 38] fejn qal li hu jahdem bhala manager fil-Euro Exchange mal-Bank Centrali ta' Malta. Mitlub jghid x'kien r-rata tal-kambu tad-dollaru Amerikan u tal-Lira Maltija fil-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 qal li dakinhar tal-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 kien jum is-Sibt u huma ma jahdmux u ghalhekk hu kien f'posizzjoni li jaghti r-rata tat-tletin ta' Lulju 2004 li kienet 2.8331.

Illi nhar t-tmienja ta' Ottubru 2004 **xehed n-Nutar Stephen Farrugia Sacco** [fol 41] fejn qal li hu kien gie nominat b'digriet tal-ghoxrin ta' Settembru 2004 sabiex jaghti stima ta' mobile phone mudell Samsumg 200 u qal li per se dan il-mudell Samsumg 200 ma jezistix izda hemm hames mudelli ta' dawn il-mobile phones. Qal li ghalhekk ghamel print ta' kull tip ta' dan il-mudell u valur ta' kull mobile phone relattiv ghal dak. Ix-xhud kompla jghid li dawn il-mobile phones Samsumg 200 mill-hames mudelli li sab l-ebda wiehed minnhom m'ghandu valur li jeccedi l-mitt lira maltin u li l-aktar wiehed vicin huwa V200 li ghandu valur ta' hamsa w disghin lira maltin. Ix-xhud qal li llum l-gurnata dan il-mudell m'ghadux fis-suq. Huwa esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument SFS [fol 43 et seq].

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2004 **xehed l-imputat** [fol 60] fejn qal li ghar-rigward t-tlett minn nies li xehdu fil-konfront tieghu li hu kien serqilhom xi oggetti nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu, hu xtaq jghid li lejliet, li kien jum il-Gimgha, hu kien iltaqa maghhom ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija San Giljan ftit 'l isfel mill-Burger King u li dik kienet l-ewwel darba li kien iltaqa maghhom. Qal li peress li kienu jitkellmu l-

Gharbi, hu tkellem maghhom, saru hbieb u marru jixorbu flimkien. Qal li ghal ewwel bdew jixorbu waqt li kienu San Giljan pero sussegwentement nizlu hdejn il-habar vicin il-Hilton ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija u ghamlu hemm sa xi l-hdax jew il-hdax u nofs ta' bil-lejl. Qal li hemmhekk hdejn il-bahar kien hemm hafna nies apparti l-grupp taghhom u dakinhar kienu xorbu hafna whisky u kulhadd kien fis-sakra. L-imputat kompla jghid li xi tlett xhur qabel kellu kaz iehor in konnessjoni ma glied ma xi nies fosthom Mohammed Safedish u Mohammed Isa, liema kaz kien ser jispicca l-Qorti u li kien ser jixhed fil-konfront taghhom. Ix-xhud qal li dakinhar huma bdew jitkellmu fuq dan il-kaz pendenti u fil-fatt bdew jiggieldu. Ix-xhud qal li dawn t-tlieta minn nies li xehdu fil-konfront tieghu kienu jafu lil Mohammed Isa. Ix-xhud qal li wara li tlewwmu, dawn t-tlett minn nies telqu u hu mar ikompli jixrob hdejn il-bars u ghal habta ta' nofs il-lejl qabad x-xarabank u mar lura b'tal-linja w iltaqa ma xi hbieb tieghu Bugibba u mar maghhom d-dar Bugibba. Ix-xhud qal li rega' nizel lura San Giljan s-Sibt filghaxija. Qal li ghal darb'ohra, rega' beda jixrob u mar hdejn il-bahar u dam idur sa xi l-erbgha ta' filghodu. Qal li ghal habta ta' dan il-hin hu kien hdejn il-Burger King jiehu pizza u kif kien ser jaqbad tal-linja biex imur lura d-dar, dawn t-tlett minn nies marru fuq Pulizija u qalulu li hu kien seraqhom, pero hu ma kien jaf xejn. Ix-xhud qal li hu kien qal lil Pulizija li kien iggieled maghhom il-jum ta' qabel u li dak li kien qed jigi allegat fil-konfront tieghu minn dawk t-tlett minn nies ma kienx veru. Qal li sussegwentement hu ttiehed l-Ghassa u peress li kien fis-sakra, il-Pulizija qalulu biex jorqod u li kienu ser jitkellmu l-ghada filghodu. Qal li l-ghada filghodu dawk t-tlett minn nies kienu marru u qalulu li huma kienu joqghod l-Balluta u li lejliet kien seraqhom u ghalhekk kien qed jigi investigat. Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement kien intqal li dawn t-tlett minn nies jghixu Tas Sliema mhux San Giljan u ghalhekk hu kellu jistenna sabiex jigi nvestigat mill-gdid mill-Ghassa ta' Tas Sliema. Ix-xhud qal li hu kien liebes flokk bin-numru 50 fuqu blue u li fil-fatt anke l-Qorti tela' bih. Qal li hu kien nizel Bugibba u baqa hemmhekk, ma regghax telaq u li tela' biss s-Sibt filghaxija. Qal li mhux minnu dak li allegaw t-tlett minn nies fil-konfront tieghu li hu kien mar

fir-residenza taghhom f'Tas Sliema. Cahad li qatt mar ghandhom u li fil-fatt ma kienx jaf fejn joqghodu sa dakinhar. Cahad li mar ghandhom w inhasel hemmhekk. Qal li l-ewwel darba li kien iltaqa maghhom kien l-Gimgha u li fil-fatt ma tantx kien ilhom hawn Malta. Mistoqsi ghaliex dawn t-tlett minn nies qalu li hu kien habib taghhom, ix-xhud qal li ma kienx jaf, pero qal li jahseb li biex iwahhlulu dan il-kaz. Qal li dakinhar tal-Gimgha filghaxija kienu kollha fis-sakra u li kien mar lura Bugibba wahdu b'tal-linja u li kien wasal ghal habta ta' nofs il-lejl.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2005 **xehed Mario Vassallo** [fol 64] fejn qal li hu jahdem bhala supervisor/assistant mal-Awtorita tat-Trasport Pubbliku u qal li bejn t-tletin u l-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 it-trasport minn Bugibba ghal Paceville u vice versa kienet r-rotta numru 49. Qal li x-xarabank jitlaq f'nofs il-lejl minn Paceville ghal Bugibba u fis-siegha w nofs ta' filghodu jkun hemm minn Paceville ghal Bugibba u jerga jkun hemm xarabank iehor fit-tlieta ta' filghodu minn Paceville ghal Bugibba. Qal li matul il-lejl ikun hemm tlett hinijiet.

Illi nhar s-sebgha ta' Frar 2005 **xehed l-Ispettur Simon Galea** [fol 67] fejn, mistoqsi jekk jafx lil imputat presenti fl-awla, irrisponda li kien jafu peress li kien xhud f'kawza fejn fiha kien Ufficjal Prosekutur, liema kawza kienet fl-ismijiet Il-Pulizija v Mohammed Isaeal, fejn kien hemm zewg imputati u li llum tinsab deciza b'dan li z-zewg imputati kienu gew liberati peress li l-imputat odjern Mohammed Megrati kien ghazel li ma jixhidtx fil-konfront taz-zewg imputati f'dik il-kawza u b'hekk ma kienx hemm prima facie. Qal li dik il-kawza kienet tikkoncerna akkuzi ta' feriti fil-konfront tal-imputat.

Illi nhar s-sebgha ta' Frar 2005 **xehed l-Ispettur Daniel Zammit** [fol 69] fejn qal li wara li kien gie mitlub mid-Difiza jghid meta kien dahal l-ewwel rapport mill-vittmi hu jghid li dawn kienu ghamlu r-rapport taghhom fil-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 fl-Ghasa tal-Pulizija ta' San Giljan ghall-habta ta' bejn d-disgha u l-ghaxra ta' filghodu w imbaghad l-Pulizija ta' San Giljan indunaw li dan l-kaz kien jirrelata

mal-Ghassa ta' Tas Sliema u ghalhekk baghtuh hemmhekk.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza qed issostni li din il-Qorti m'ghandix ssib lil imputat hati ghaliex ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni m' humiex kredibbli ghaliex t-tlett xhieda principali jaghtu xhieda konfliggenti w id-Difiza tittanta taghmel referenza ghal din il-konfliggenza fin-noti ta' sottomissjonijiet taghha.

Il-Prosekuzzjoni minn naha l-ohra ssostni li x-xhieda tad-Difiza hija kredibbli, ghandha mis-sewwa u l-Qorti ghandha taghtiha widen.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar d-dsatax ta' Mejju 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Charles Ducker** meta ntqal:

"*It is true that conflicting evidence* <u>*per se*</u> *does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge, may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Illi dan l-istess argument gie wkoll imfisser fis-sentenza moghtija mill-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Mejju 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nicola Mallia:**

*"Dwar il-kwistjoni ta' konflitt fil-provi kif gia kellha diversi okkazzjonijiet ohra precdenti tghid, din l-istess Qorti mhux kull darba li hemm zewg versjonijiet konfliggenti necewssarjament u awtomatikament ifisser li hemm konflitt fil-provi u allura dan il-konflitt ghandu jmur favur l-akkuzat. Ikun biss il-konflitt fil-provi li minnu ghandu jibbenefika l-akkuzat meta hemm zewg versjonijiet differenti tl-istess fatt li t-tnejn ikun accettabbli, plawsibbli u vero simili b'mod li l-Qorti ma tkunx f'posizzjoni ta' certezza morali li tccetta versjoni wahda u mhux l-ohra.*

*Minkejja l-fatt li jista ikun hemm zewg versjonijiet konfliggenti tal-istess fatt, jekk il-Qorti tara li versjoni minnhom hija dik l-aktar kredibbli jew vero simili, allura hi tista tiddecidi a bazi ta' dik l-versjoni, u tiskarta l-ohra."*

Din il-Qorti pero tenfasizza wkoll li mhux kull darba li hemm zewg xhieda li jghidu l-oppost allura awtomatikament hemm bilfors konflitt ta' provi [vide **Il-Pulizija v Paul Attard** - ***deciza sbatax ta' Mejju 1999***].

Il-Qorti gharblet fit-tul in-nota tad-Difiza u appuntu ezaminat bir-reqqa kollha dik il-parti fejn hija sostniet li kien hemm xi divergenzi fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti pero rat li d-divergenzi huma de minimis u ma jolqtux l-incident per se izda dak li setgha gara lejliet. Dwar dak li gara waqt il-holdup t-tlett xhieda vittmi jghidu l-istess haga b'certezza u cioe li kien l-imputat flimkien ma zewg persuni ohra li mar fuqhom b'sikkina f'idejh u talabhom kull ma kellhom u telaq bi flushom, bil-mobile phone tal-ghamla Samsumg u b'xi hwejjeg li kienu f'bagalja.

Dwar dak li qalet d-Difiza, dwar il-valur tal-mobile phone u cioe li jiswa inqas minn mitt lira, il-Qorti wara li rat r-relazzjoni tal-perit tekniku taqbel li l-valur tal-mobile phone ma jeccedix l-mitt lira maltin ghalkemm setgha kellu prezz ghola fil-mument meta nxtara. Illi dan nonostante pero l-valur tas-erqa xorta jeccedi l-mitt lira maltin.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(a)(b)(c)(f), 262(1)|(b), 263, 267, 270, 277, 278 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat MIOHAMMED MEGRATI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu cioe ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-vjolenza u tiddecidi li tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tlett snin sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-fedina penali netta li ghandu l-istess imputat.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------